OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru EU 0106**

9 ta' Novembru 2021

Onor. Prim Ministru Dr Robert Abela
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Belt Valletta

Onor. Prim Ministru

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman, qed nibgħatlek kopja tal-korrispondenza u l-Opinjoni Finali wara investigazzjoni relatata ma' talba għal ħlas ta' spejjeż relatati ma' danni allegatament ikkawżati mill-ilma baħar li jitla fit-triq f'Birżebbuġa.

Mingħajr ma daħlet fil-mertu dwar jekk dawn id-danni humiex dovuti, din l-investigazzjoni sabet li Transport Malta kellha twieġeb liċ-ċittadin b'mod xieraq u mhux tabdika mir-responsabbiltajiet tagħha billi twieġeb sempliċiment li entità pubblika oħra hi responsabbli.

Transport Malta ma laqetx ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju u wieġbet biss li t-talbiet għad-danni għandhom jiġu trattati quddiem il-Qorti, meta kif diġà ssemma din l-opinjoni trattat in-nuqqas fir-risposta lejn iċ-ċittadin u mhux jekk l-istess Transport Malta hijiex responsabbli għad-danni mitluba. Dan juri wkoll nuqqas ta' sforz minn entità pubblika li jitnaqqsu proċeduri twal u spendjużi quddiem il-Qorti.

Insellimlek

**A C Mifsud**
**Ombudsman**

Dokumenti annessi

Kopja: Onor. Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali
Il-Kap Eżekuttiv, Transport Malta

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt